**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 31**

**IL-HAMIS 16 TA' JANNAR 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 6.05PM |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud ma setax jkun prezenti minhabba ragunijiet ta' xoghol.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJOI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Nru.30 gew approvati. Il-Kunsillier P.Fenech ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku pprezenta rapport iddetaljat tal-hidma tieghu. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala Appendici A. Dan ir-rapporti jinkludi diversi laqghat li s-Sindku kellu fosthom il-laqgha ma' l-Onor. Ministru Joe Mizzi u mas-Sinj. B. Psaila inkarigata mill-Kura ta' l-Anzjani. Fil-laqgha li kellu mal-Onor. Mistru Joe Mizzi, gew diskussi diveri rikjesti fil-lokalita' fosthom l-istat hazin li tinsab fih Triq il-Keffa. Il-Ministru wieghed li fil-futur jkun jista' jghin finanzjament ghall-xoghlijiet ta' tarmak f' din l-istess triq.

2. Rigward l-istima tal-Kuntrattur S. Sammut sabiex jsiru traffic calmers fi Triq il-Madliena, huwa proppona li dawn ghandhom jsiru mill-aktar fis wara li anke l-Perit tal-Kunsill iggustifika din l-istima u l-ispiza globali li tammonta ghal €4,955.00. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li hu diga' kellu kommunikazzjoni mal-Perit tal-Kunsill sabiex dan mill-aktar fis jiddentifika ezatt fejn gahndhom jigu dawn il-calmers. Tlieta fi Triq il-Madliena u tnejn ohra fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Pedidalwett.

3. Huwa nforma wkoll li sa llum ghadu qed jistenna ufficjalalment appuntament mas-Segretarju Parlamentarji Onor. H. Herrera. Is- Sindku nforma wkoll li qed jipprova wkoll jaghmel appuntament ma' l-Onor. L. Brincat. Fuq l-agenda ta' dawn iz-zewg laqghat huwa pjanat li jigi diskuss il-hajt ta' bejn il-wied u t-Triq Josef Kalleya.

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li llum sa tattendi ghal-laqgha tra-Regjun tat-Tramuntana u ghaldaqstant waqt din l-istess laqgha se tipprezenta rapport tal-bzonnijiet tal-lokalita'. Hija se terga' ssaqsi jekk hux possibli li tizdied is-sorveljanza ta' l-Eco Wardens fil-lokalita' l-aktar fi Triq il-Qatta kantuniera ma' Triq il-Hemmel, fil-Hdud wara nofs in-nhar.

2. Hija rreferiet ghall-email li ntbaghat dwar kors li se jsir biex kulhadd jibda' jikteb b'Malti ahjar. Hi ssuggeriet sabiex din ic-cirkulari tintbaghat lir-residenti kollha sabiex dawk kollha nterresanti jkunu jistghu japplikaw. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li din hija miftuha biss ghall-haddiema tal-Kunsill u l-Kunsillieri.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli

Mill-Kunsillier M. Abela – tkompli

3. Rigward il-quddiesa li giet iccelebrata mill-Arcisqof nhar il-Hadd 5 ta' Jannar 2014, hija bi pjacir infurmat li l-attendenza kienet tajba hafna. Ghal din l-attivita' intuzat it-tinda li giet armata ghall-okkazzjoni u wara li giet iccelebrata l-quddiesa, kien hemm bibita' zghira hekk kif gie approvat fl-ahhar laqgha. L-ispiza totali kienet ta' €196.00. Hija nfurmat wkoll li t-tinda giet issponsorjata.

4. Il-Kunsillier infurmat li x-xoghlijiet ta' restawr li saru fuq il-kappella tal-Madliena saru b'mod professjonali hafna u ghaldaqstant tixtieq tirringrazzja liz-zewg kuntratturi li hadmu fuq dan il-progett.

Mill-Kunsillier A.Curmi

1. Il-Kunsillier ipprezenta rapport iddetaljat dwar xi xoghlijiet li irridu jigu diskussi mill-aktar fis. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App.B.

2. Huwa nforma li l-bankina fi Triq Villa Rosa hdejn ir-residenza ta' Sinjuri Zammit ghadha ma saritx. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jerga' jikkomunika mal-Kuntrattur.

3. Il-Kunsillier nforma li d-dawl ta' zebra crossing fi Triq is-Swieqi ( flood lights), ghadhom ma gewx irrangati fi direzzjoni li suppost juru. Huwa nforma li dawn ilhom hekk ghal hafna zmien. Is-Segretarju Ezekuttiv wieghed li se jerga' jikkomunika mal-Kuntrattur.

4. Huwa staqsa jekk il-qraba ta' kull Kunsillier jistgux jkunu nkluzi mal-polza ta' assigurazzjoni tas-sahha li ghandu kull Kunsillier.

5. Dwar l-ikla tal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv prezenta 4 kwotazzjonijiet. Gie deicz li din l-ikla ssir fi restaurant 3 black sheep nhar is-Sibt 24 ta' Jannar 2014.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier issugeriet li jithallsu €200.00 lill-Parocca ta' l-Ibrag u dawn se jaghmlu tajjeb ghal konsum tad-dawl u ilma waqt l-attvita tas-Skola Sajf u l-korsijiet tal-Lifelong Learning li ghadhom ghaddejin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Hija nfurmat li bdiet il-preparamenti sabiex jergghu jigu organizzati hames hargiet ohra kulturali ghar-residenti. Is-Sindku ssugerixxa sabiex jekk hu possibli f' daw il-hargiet issiru *talks* interessanti minn nies professjonali bhal tobba. Dan ghandu jkun ta' taghlim ghal min jattendi dawn il-hargiet.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikompli**

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier P. Fenech issugerixxa sabiex jekk hu possibli tigi nstallata bozza gdida fi Triq Sant Andrija fil-vicicnanza ta' fejn kien jarma tal-haxix.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier issugerixxa sabiex mill-aktar fis ghandhom jitnehhew il-bollards tal-plastik li hemm fit-tarf ta' Triq il-Qasam inti u niezel lejn il-Wied. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inakirgu li jitkellem mal-Kuntrattur responsabbli mit-tarmak ta' Triq il-Qasam.

2. Huwa informa li sinjali tat-traffiku fi Triq l-Ibrag u fi Triq il-Mielah ghandhom jigu rifreskati. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li se jinforma lill-kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xoghlijiet. Gie issugeriet wkoll li fiz-zona tal-Madliena Cottage issiru s-sinjali tat-traffiku sabiex jkun hemm aktar ordni fil-parkegg. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi dwar il-problema ta' parkegg fuq il-bankina fi Triq il-Bir. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li huwa ghamel komunikat ma' l-Authorized Officer fejn gie nfurmat li ma jistax jsir parkegg fuq l-ebda bankina.

4. Hu ssugerixxa wkoll li ghandhom issiru double yellow lines fil-pati ta' isfel fi Triq il-Mielah.

5. Rigward is-sinjali ta' direzzjoni ghall- Madliena Fort, huwa nforma li dawn dal-waqt se jkunu lesti u jitwahhlu.

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier informa li kellu laqgha mas-Sur Muscat mit-Transport Malta dwar l-approvazzjoni tat-Triq il-Migbed sabiex issir two-way bi prova f' Dicembru li ghadda. Minhabba li din ma saritx, huwa ppropona li ssir laqgha mal-kuntrattur mill-aktar fis dwar din il-materja. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jiffissa dan l-appuntament mal-kuntarttur tas-sinjali tat-toroq ghal nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar 2014 fid-9am.

2. Il-Kunsillier irraporta li l-Kuntrattur tal-gbir ta' skart domestiku qed jigbor kwantita' kbira ta' kartun mill-istabiliment Greens fi Triq l-Ibrag sakemm dan il-materjal jitghabba fi trakk qed jikkaguna kju kbir ta' karozzi. Hu staqsa l-possibilta' jekk dan il-Kuntrattur jistax jigbor dan il-materjal f' hinijiet differenti. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jitkellem mal-Kuntrattur.

Il-Kunsillieri M. Abela u A. Chetcuti gew skuzati. Il-hin kien 7.45pm

## IV APPROVAZZJONI TA PAGAMENTI U XIRI IEHOR

1. Giet pprezentata l-iskeda ta' pagamenti nru.69 li ntbaghtet li kull kunsillier permezz ta' *email* minn qabel. Wara li saru xi aggustamenti skond l-*email* tal-Kunsillier A. Curmi ( App.C) ; kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti biex dawn jigu approvati.

Il-Kunsillier A. Curmi gie skuzat. Il-hin kien 8.30pm.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Kwotazzjonijiet ta' Online Streaming tal-laqghat tal-Kunsill SLC/Q/05/2013

   Is-Segretarju Ezekuttiv informa li gew sottometti 4 kwotazzjonijiet fit-18 ta' Novembru 2013 li huma mnizzlin hawn taht.

| No | Name | Price | Remarks |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **1** | **AID Ltd** | **5,517.60** | |
| **2** | **Correct Termination Ltd.** | **5,487.00** | |
| **3** | **Smart Technologies** | **4732.98** | |
| **4** | **SMART ICT** | **4,950.00** | |
| | | | |

   Wara li dawn l-erbgha offerti gew evalwati u diskussi, il-Kunsill idecieda li ghandha tinghazel dik ta' Correct Termination Ltd. Din l-offerta' tinkludi l-ispecifikazzjonijiet rikjesti kollha mid-Dipartiment. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-offerta maghzula se tintbaghat ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

2. Drugs Awareness Conference

   Is- Sindku staqsa dwar il-konferenza li qed tigi pjanata li ssir f' Malta bejn Ottubru u Novembru ta' din is-sena. Hu staqsa jekk sarux kuntatti ma' l-organizzazjoni ECAD. Is-Sindku kompla li jekk dawn jibqaw ma jaghtunix risposta allura jsiru kuntatti ma' organizzazzjonijiet Maltin.

   Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li hu diga' kellu kuntatti mas-Segretarju ta' l-ECAD u dan irrisponda li din il-proposta se titpogga fuq l-ewwel agenda tal-Bord taghhom. Huwa nforma li ghamel kunjatti ukoll ma' diversi NGOs Maltin li kollha urew interess. Il-Kunsillier M. Fava nforma li hu diga ghamel kuntatti mal-Ministeri involuti f'dan il-qasam u anke qed jistenna risposti minn ghaqdiet internazzjonali ohra fi hdan l-ECAD. Il-Kunsill se jigi nfurmat b'aktar zvillupi dwar din il-materja fis-Seduta li jmiss.

3. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li huwa fadallu hdax 'il gurnata *leave* u staqsa sabiex dawn jigu *brought forward* ghas-sena 2014. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti dwar dan.

Il-laqgha spiccat fit-8.00pm u sar aggornamet
ghal nhar il-Hamis 20 ta' Frar 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**